OLIVER FRIGGIERI

# I. VASSALLI - IT-TNISSIL TA' KUXJENZA NAZZJONALI

Il-mistoqsija li aktarx ma jistax jaħrab minnha kull min jistħarreġ xi aspett jew ieħor tal-kultura Maltija hi din: minkejja li l-gżira hi art qadima bi ġrajja magħrufa qadima, minn meta 'l hawn nistgħu ngħidu li l-Maltin kisbu kuxjenza komunitarja waħda li tressaqhom lejn il-kwalifika ta' nazzjon mifhum fis-sens modern? Minħabba l-limiti ġeografiċi, numeriċi u politiċi, Malta ftit li xejn setgħet tikseb dan is-sens mingħajr l-imbuttatura ta' mentalità miġjuba minn artijiet li sawrulha l-identità mħallta tagħha ta' gżira mediterranea. Jekk is-sens ta' nazzjonalità ma kellux għalfejn jitbiddel f'kuxjenza attiva fil-każ ta' artijiet kbar li kellhom, ftit jew wisq, il-ħakma fuqhom infushom, fil-każ ta' art ċkejkna merħija f'idejn il-barranin, dan is-sens jew ma kienx jinħass il-bżonn tiegħu (jekk kien jeżisti), jew jekk kien jeżisti, kien ħaġa waħda mal-preżenża kulturali u politika barranija. Tant hu minnu li għal żmien twil dak kollu li tqies bħala Malti hu, bil-kriterji ta' llum u għal-lum, barrani jew importat. Għal żmienu, jekk ma rridux inneżżgħu lil Malta ta' missirijietna l-qodma minn kull ħjiel ta' ruħ ħajja, dak għandu jitqies bħala wirt lokali, hu liema hu n-nisel tiegħu.

### Ir-Romantiċiżmu - għarfien tar-ruħ tal-poplu

Għal sekli sħaħ eżistiet id-distinżjoni bejn kultura għolja u kultura baxxa, kultura mirquma u kultura popolari. Herder (1744-1803) innifsu seħaq fuq l-għażla fundamentali bejn il-*kunstpoesie* (il-poeżija ta' l-arti) u n-*naturpoesie* (il-poeżija tan-natura). L-ewwel waħda hi l-prodott iffurmat tajjeb tal-kultura u tar-riflessjoni matura, waqt li t-tieni waħda hi l-leħen intimu u spontanju tal-qalb. Fil-kwadru Malti, l-għażla hi, ftit jew wisq, dik li hemm bejn it-Taljan (miktub minn klassi edukata) u l-Malti (mitħaddet minn kotra mhux edukata). Il-poplu kien wieħed, iżda l-espressjonijiet tnejn. Ir-Romantiċiżmu ried iseddaq l-importanża ewlenija ta' kulma hu popolari, u jekk jista' jkun, jintegra miegħu dak li hu kolt fis-sens dejjaq. Dan hu li ġara fl-epoka tar-Romantiċiżmu: id-distanza bejn iż-żewġ estremi bdiet tingħeleb, il-kriterji tbiddlu, u wasal il-waqt tal-kixfa ta' l-identità tal-wirt indiġenu, mhux stmat tal-poplu. Hawn jidħol Mikiel Anton Vassalli (1764-1829), Malti aġġornat fix-xejriet Ewropej ta' żmienu, konxju għall-aħħar ta' Malta bħala parti minn kontinent u mhux aktar bħala blata maqtugħa għaliha. B'dan il-mod hu l-ewwel pjanifikatur tal-programm li kellu jseħħ aktar tard: l-integrazzjoni taż-żewġ mezzi ta' espressjoni (kultura għanja Taljana u kultura popolari Maltija) biex jingħata bidu għall-ħolqien ta' kultura li, waqt li tibqa' l-espressjoni tal-komunità kollha, ittella' fil-wiċċ l-aspetti mwarrbin, u awtentiċi, tal-kotra popolari. Hu l-waqt storiku meta l-esperjenzi kbar ta' l-Illuminiżmu u tar-Romantiċiżmu (imġarrba b'riħet il-preżenza kulturali Taljana fil-gżira) setgħu jwasslu għat-tiġdid mitlub mill-mentalità Ewropea l-ġdida. Fil-każ partikulari ta' Vassalli, dawn huma esperjenzi li hu seta' jġarrabhom direttament minħabba ż-żmien twil li għadda barra minn Malta.

Bil-mod il-mod ir-Romantiċiżmu, li beda jieħu sura għalih minn madwar nofs is-seklu tmintax sakemm immatura fis-seklu dsatax, beda jintroduċi viżjoni ġdida, radikali, tal-ħajja. Għal sekli sħaħ il-qima ta' l-Ewropej moderni lejn il-Greċja u lejn Ruma tal-qedem biddlet il-kultura f'devozzjoni rassenjata li timita u ma tfittixx it-trawwim ta' individwalità nazzjonali. Dan wassal, b'mod u b'ieħor, għall-għaqda Ewropea fuq livell kulturali. Għar-romantiku, għall-kuntrarju, l-individwalità - tal-bniedem bħala xi ħadd u bħala ċittadin - saret il-qofol. Mill-programm ta' tixrid kulturali mfassal mill-Illuministi, ir-Romantiċiżmu ħa t-tajjeb li hemm fil-prinċipju tad-demokratizzazzjoni tal-kultura, sakemm it-twemmin fil-poplu sar reliġjon u l-ideal ġdid tal-ħelsien tbiddel fi pjan ta' fidwa għan-nazzjonijiet mhux ħielsa. Kollox issa beda jdur madwar il-kunċett ta' patrija, u twieled in-nazzjonaliżmu, bħala teorija u bħala prassi.

Bis-saħħa tal-preżenza kulturali Taljana f'Malta. li għal sekli sħaħ tqieset bħala l-kultura tal-gżira u trawmet fi ħdanha l-ħidma tal-Maltin f'bosta oqsma (l-arti, il-letteratura, l-arkitettura, l-ilsien uffiċjali u kulturali, bosta drawwiet soċjali u oħrajn), dan is-sens ta' fidi fin-nazzjon daħal f'Malta wkoll. Fil-viżjoni ta' Mazzini dan kellu jinġabar f'żewġ emblemi: *Dio e il Popolo*. M'hemmx poplu mingħajr Alla u m'hemmx tifsira ta' Alla mingħajr poplu; l-astratt kellu jsir konkret, u l-konkret kellu jagħraf ruħu fl-astratt. Fi żmien ir-Risorġiment Taljan, li l-gżira ħadet sehem sħiħ u ħaj fih (bejn wieħed u ieħor bejn l-1804 u l-1860), dan is-sentiment kiber sakemm wassal għal żewġ kisbiet importanti: (i) il-bidu organizzat tal-ħidma direttament politika tal-Maltin bħala Maltin, immexxija mill-kawża ta' emanċipazzjoni kostituzzjonali; (ii) l-għarfien ta' l-ilsien Malti, bħala l-espressjoni tal-poplu, u t-tiswir ta' letteratura bil-Malti skond l-istess xejriet ta' kontenut u ta' forma tal-letteratura tradizzjonali tal-gżira miktuba bit-Taljan, u issa aġġornata skond valuri ġodda. Il-punt tar-riferiment il-ġdid fil-każ ta' din it-tieni kisba kien id-dħul ta' viżjoni ġdida tal-ħajja, li ddur madwar ir-reliġjon tal-patrija. Għalhekk il-wirt tradizzjonali u l-wirt modern - ir-Romantiċiżmu - tħalltu flimkien biex illum nistgħu nħarsu lejn il-ġrajja letterarja Maltija bħala mogħdija waħda mill-wirt rinaxximentali, neo-klassiku, għall-wirt romantiku. Mill-viżjoni tal-bniedem bħala bniedem, il-kultura setgħet tgħaddi għall-viżjoni tal-bniedem bħala ċittadin li, skond Mazzini, għandu l-jedd ta' patrija u d-dmir li jaħdem għaliha.

## L-identità storika

Il-ħabbâr ta' din il-kuxjenza radikali, li maż-żmien tbiddlet f'moviment ta' nazzjonaliżmu fuq il-pjan politiku u fuq il-pjan kulturali (l-aktar letterarju), hu Vassalli. Jiġi fil-bidu tal-mixja twila li għamlet Malta matul perijodu mqalleb u ħaj, żmien ta' għarfien ta' individwalità territorjali, mibnija fuq fehmiet sodi ta' storja, kultura u pjanifikazzjoni politika ribelli. Meta wieħed jifhem li n-nazzjonaliżmu romantiku, l-aktar f'art bħall-Italja, xandar b'importanza kbira l-għarfien u l-użu tal-lingwa nazzjonali bħala għodda siewja ta' għaqda popolari, wieħed jifhem minnufih għala Vassalli, skond ix-xejriet ta' żmienu, seħaq daqshekk fuq il-ħtieġa

ta' l-iżvilupp tal-Malti u lemaħ fih valuri politiċi u soċjali kbar li jmorru ħafna lil hinn mill-konsiderazzjonijiet lingwistiċi ta' llum. Min-naħa l-oħra, jekk lingwa kienet tfisser nazzjon, kif għallmu bosta ħassieba u kittieba romantiċi, l-għarfien tal-lingwa ma jibqax esperjenza maqtugħa għaliha weħidha ta' studjuż, iżda jinfetaħ u jieħu wkoll xejriet politiċi diretti. (Tant hu minnu li l-kwistjoni tal-lingwa bejn il-Maltin u l-Ingliżi kellha mhux biss tkun punt ċentrali iżda tissarraf fi ġlieda bejn id-dinjità u l-impożizzjoni; l-istorja turi li, għal għadd ta' raġunijiet, kien għadu kmieni li l-Maltin jidhru quddiem l-Ingliżi b'lingwa li kien għad ma kellha ebda dinjità kulturali, bħalma kien il-Malti. Vassalli, għall-kuntrarju, minn kmieni ra fil-Malti wirt ta' siwi kbir, iżda għal żmien twil kellu jibqa' leħen solitarju, moħħ akbar minn żmienu).

Ir-Romantiċiżmu hu storiċista; fuq is-sisien ta' l-imgħoddi ried jibni l-fidwa tal-preżent. U l-ilsien Malti, meqjus bħala monument ta' qedem, kif isejjaħlu Vassalli, seta' jitbiddel f'emblema ta' għaqda fil-preżent u fi standard ta' kburija storika. Iżda l-kuxjenza popolari ma kinitx inħejjija għal dan. Il-Malti kien għadu nieqes minn letteratura deċenti, u l-ilsien kien għad jonqsu saħansitra ortografija normalizzata. L-istħarriġ lingwistiku ta' Vassalli, għalhekk, hu sforz serju u qalbieni ta' taħriġ fil-fiduċja tan-nazzjon. Fil-fatt, Vassalli jitkellem sa mill-1796 dwar il-Malti bħala lsien nazzjonali daqskemm jitkellem dwar Malta bħala nazzjon. Il-kitba kotrana tiegħu bit-Taljan dwar il-Malti turi, fl-istess ħin, is-sintesi aġġornata għal żmienu bejn ilsien ta' kultura (it-Taljan) u lsien popolari (il-Malti). Dawn l-isforzi xjentifiċi huma l-bidu tal-ħidma twila li kellha twassal biex l-ilsien jingħata għarfien uffiċjali, jasal li jikseb il-post ta' lsien kulturali ewlieni tal-ġemgħa Maltija kollha u jitbiddel f'għodda mirquma ta' letteratura tajba. Fl-istess mogħdija jidħlu l-figuri ewlenin li ġew warajh u li raw il-ħtieġa tal-kontinwità fl-evoluzzjoni kulturali (u għalhekk anki politika) tal-gżira. Minn Ġan Anton Vassallo (1817-1868) sa Ġużè Muscat Azzopardi (1853-1927) sa Dun Karm (1871-1961) sa Ninu Cremona (1880-1972) u l-oħrajn kollha li bnew il-letteratura bil-Malti fuq is-sisien tal-preżenza bikrija tagħhom fil-letteratura lokali bit-Taljan, hemm mixja twila waħda li waslet għall-adultezza moderna mingħajr ma setgħet tiċħad it-tfulija storika.

Bħall-erwieħ romantiċi kollha, Vassalli ntebaħ li l-aqwa dawl ta' pajjiż jinsab fil-kultura tiegħu. Hu għallem li ma hemmx mixja politika mingħajr mixja kulturali, u l-iżjed lingwistika u letterarja. Dan ukoll hu wirt illuministiku u romantiku, żewġ kulturi li integraw b'saħħa kbira lill-kelma u l-arti tagħha fil-kumpless tal-ħajja ċivili u politika. Minħabba li l-kuxjenza kulturali trid tiġi qabel, bħala mezz, hu żvolġa dan il-programm ta' tixrid ta' fehmiet dwar il-lingwa u l-kultura tagħha. Maż-żmien, il-kittieba Maltin, imnebbħin mill-iżvolġiment politiku, żvolġew huma wkoll letteratura li tat sehem ta' fejda kbira fit-tiswir ta' viżjoni tal-patrija. Għall-ewwel darba l-kittieba skoprew il-bixra storika vera tal-gżira billi kantaw il-ġrajja, il-pajsaġġ, id-drawwiet, it-tbatijiet u l-ideali mgħoddija u preżenti ta' poplu f'qagħda kolonjali. Sa mill-1783 Vassalli ħaseb f'din id-direzzjoni wkoll, meta beda jiġbor għidut u qwiel tal-poplu biex minnhom joħroġ il-karattru tal-komunità. F'*Motti, aforismi e proverbii maltesi* (Malta, 1828), Vassalli fittex li jinterpreta l-identità popolari skond kif il-

kotra taħseb u mbagħad tirrifletti bil-għaqal f'sentenzi li jintirtu minn nisel għal ieħor u li jiġbru fihom l-għerf tal-poplu li ma jinqediex bil-kelma miktuba. Minn tradizzjoni mitħaddta huwa qiegħed ifittex li jgħaddi lil Malta għal tradizzjoni miktuba; hu programm ta' rikostruzzjoni u salvataġġ ta' wirt qadim u mwarrab li l-istudjuż se jagħtih id-dinjità li kien kiseb diġà f'artijiet oħrajn fejn l-idejoloġija romantika kienet wasslet diġà għal dan l-għarfien ġdid taż-żminijiet imgħoddija. Bis-saħħa ta' għanjiet, qwiel u espressjonijiet popolari tipiċi oħra, ir-Romantiċiżmu tella' fil-wiċċ il-wirt tradizzjonali li l-kultura mirquma ta' qabel, l-aktar fid-dell tar-Rinaxximent, ma tatux attenzjoni u valur.

Hi dejjem kuxjenza waħda li tmexxi lil Vassalli fil-kitbiet tiegħu. Hi l-kuxjenza ta' intellettwali li jagħraf in-nisel tiegħu fil-kultura popolari waqt li jgħarbilha fid-dawl tal-kultura mirquma ġdida li issa bdiet ittella' fil-wiċċ għad-dawl tad-dinjità dak kollu li għal żmien twil tħalla fil-qiegħ, għad-dlam ta' l-għajb. Il-każ ta' Malta jistieden għallinqas żewġ riflessjonijiet: (a) il-qagħda tal-kultura Maltija kienet dik li kienet għaliex anki f'artijiet kbar il-kultura popolari kienet imħollija tikber weħidha, imbiegħda mill-kultura mirquma, jew aħjar mill-arti ta' siwi estetiku magħruf; (b) il-kultura Maltija kienet il-kultura ta' kolonja li kellha tgħix fid-dell ta' kultura kontinentali għolja u meqjuma. Għalhekk Malta kellha l-problema "żejda" ta' bilingwiżmu li kien jissarraf ukoll f'duwaliżmu kulturali: il-kultura ta' nisel Taljan jew Taljana kienet għolja, waqt li l-kultura Maltija, imfissra bil-Malti minn min ma kienx jaf ilsna oħra, kienet meqjusa bħala inferjuri jew nieqsa mis-siwi u mid-dinjità. Vassalli, bis-saħħa tal-fehmiet aġġornati li kiseb minn barra, jintroduċi l-medjazzjoni ġdida bejn iż-żewġ naħat imbiegħda tal-kwadru kollu. Dan hu l-qofol tal-ħsieb tiegħu mfisser fl-1796,[1] għad li hi dejjem mentalità waħda li sserrep fix-xogħlijiet l-oħra tiegħu.

Bil-kejl tal-ġrajja Maltija, Vassalli jista' jitqies bħala l-ħolqa li tagħlaq l-epoka l-qadima u tiftaħ l-epoka l-ġdida. Minn warajh 'il quddiem il-pass tal-mixja Maltija lejn kuxjenza nazzjonali beda jitqawwa b'ritmi konsistenti, il-fiduċja li żera' Vassalli ssoktat tikber sakemm ħadet l-għamliet organizzati li nafu bihom fuq il-livell tal-ħidma politika u fuq il-livell ta' kitba bil-Malti b'argument Malti wkoll.

## Il-bniedem

Il-persunalità kumplessa ta' Vassalli tgħaqqad flimkien, f'nisġa individwali waħda, lil bniedem li ħaseb ma' bniedem li ħadem. Hi ħidma kemm intellettwali u kemm fiżika, li tbiddel lill-ħajja tiegħu f'mixja mgħaġġla waħda lejn xi għamla ta' għarfien, kemm persunali u kemm nazzjonali. Ir-ritmu li jikkaratterizza lil ħajtu mqanqla huwa mnissel minn xewqa li kibret miegħu biex iċaqlaq u jbiddel il-qagħda li trabba fiha fil-pajjiż. Il-ħsieb tiegħu, bil-qisien Maltin ta' żmienu, huwa radikali għal kollox, u dan kien ifisser li ma setax jiftiehem minnufih jew minn bosta. Il-bidla li jipproponi tmiss lill-istrutturi, waqt li l-fehmiet li jintroduċi jitolbu għarfien mill-kotra, li kienet għadha mhux biss sajma ħafna minnhom iżda saħansitra sajma għal kollox mill-mezzi li bihom setgħet tasal biex issir taf bihom.

Madankollu, l-azzjoni ta' Vassalli tiftiehem minnufih jekk titqiegħed fi ħdan il-kwadru kontinentali. Miftuħ għall-għerf, mogħni bl-għarfien tal-Latin u tat-Taljan, midħla tad-dinja ta' barra, Vassalli jieħu sehem fil-kuxjenza moderna tas-sekli tmintax u dsatax, waqt li jilmaħ il-ħtieġa u l-possibbiltà li din il-kuxjenza tixtered f'Malta wkoll. Kien għad jonqos kemm il-kuxjenza kif ukoll l-istrumenti meħtieġa biex dik il-kuxjenza tingħaraf. Kien iżjed iebes l-ideal tiegħu li jara lil din il-kuxjenza, jekk tasal biex tingħaraf, titħaddan kemm mill-istrutturi u kemm mil-kotra.

Dan hu li jfisser għala Vassalli kiteb dwar il-Malti bħala lsien nazzjonali, waqt li biex jagħmel dan inqeda bil-Latin u bit-Taljan. Huma ilsna li, fuq naħa, setgħu jagħtu dinjità lilu persunalment bħala bniedem kolt li kien qiegħed ixandar il-ħtieġa u s-siwi tal-Malti fuq il-bażi tat-tħejjija persunali tiegħu fl-ilsna meqjuma fil-kontinent. Huma wkoll ilsna li, min-naħa l-oħra, setgħu jqanqlu l-kuxjenza tan-nies tal-kultura, kemm f'Malta u kemm f'artijiet oħrajn. Huwa importanti wkoll il-fatt li Vassalli qiegħed jibda mill-bidu, jiġifieri billi joffri sistema ortografika tal-Malti. Jidher sewwa li l-pjan tiegħu, indirizzat lil ħutu l-Maltin ta' żmienu, kien mifhum minnu nnifsu wkoll bħala pjan li kellu jieħu ż-żmien biex iseħħ.

Huwa twieled Ħaż-Żebbuġ fil-5 ta' Mejju 1761, studja fis-Seminarju u mbagħad tgħallem il-Filosofija, it-Teoloġija, il-Letteratura u Ilsna Orjentali f'Ruma. Fost il-ħidmiet tiegħu ta' min isemmi li kien fassal għamla ta' ftehim bejn l-Ordni tal-Kavallieri u l-artijiet tal-Lvant bil-ħsieb li jkun jista' joktor il-kummerċ tal-gżira, kif ukoll li xtaq it-twaqqif ta' Lingwa għall-Maltin fi ħdan l-Ordni. Il-ħidma tiegħu wasslitu biex jingħata sentenza ta' ħabs għal għomru, wara li nstab ħati li seraq splussivi u armi mill-Armerija ta' l-Ordni f'Ħal Qormi. Wara xi żmien tħarrab mill-Forti Rikażli u sab kenn f'Salerno. Tul iż-żmien li dam imbiegħed minn pajjiżu, Malta waqgħet f'idejn il-Franċiżi u hu aktar tard inħatar ajjutant fil-Gwardja Nazzjonali.

Fir-rewwixta kontra l-Franċiżi tkeċċa 'l barra mill-Belt u mbagħad reġa' ntefa' l-ħabs minħabba suspetti li waqgħu fuqu u safa' eżiljat f'Tunes. Il-bqija ta' ħajtu għaddieha fil-faqar, kif tixhed il-qagħda tal-familja tiegħu fi żmien mewtu fit-12 ta' Jannar 1829.[2]

Ittra miktuba madwar Marzu 1822 lill-Arċisqof Ferdinando Mattei li fiha jitolbu jgħinu minħabba l-qagħda fqira tiegħu tagħlaq b'dan il-kliem: "L'oratore nonostante il gran travaglio che fece pei letterati e per la Patria nel comporre l'unico Dizionario maltese, si trova ridotto ad una continua fame e nudità, e senz'alcun mezzo, onde sollevarsi dallo stato di tanta miseria."[3] Hi silta li turi l-qagħda li ġab ruħu fiha dan l-ispirtu ribell li għex biex jara ħolma ta' ħajtu sseħħ, jiġifieri li l-gżira tagħraf l-ilsien nazzjonali tagħha u b'hekk tikseb kuxjenza tagħha nnifisha bħala nazzjon.

Il-ħidma politika tiegħu, għalhekk, tidher imsieħba mal-kitba u ma' l-istudju; huma żewġ xejriet ta' persunalità waħda. Imgħammar kif kien b'fehmiet liberali li ssokta jiżviluppa bis-saħħa tal-ġiri tiegħu barra minn Malta, Vassalli fehem sa minn kmieni r-rabta ċentrali bejn l-emanċipazzjoni kulturali u l-emanċipazzjoni politika.

## Għarfien ta' l-ispirtu u tal-lingwaġġ ta' l-epoka

L-Illuminiżmu, marbut ftit jew wisq mas-snin 1715 – 1760, hu żmien li skopra fir-raġuni s-setgħa waħdanija tal-bniedem. Kull tiftixa kellha ssir bi proċess razzjonali, waqt li l-metodu kellu jkun il-kritika msieħba ma' l-argument imsejjes fuq il-provi. Is-seklu tmintax Franċiż rabat kollox ma' l-idea tad-dawl (*les lumières*), aktar ma s-setgħa tar-re u tal-Knisja bdiet tiddgħajjef mal-waqgħa tal-klassiċiżmu. Il-*libertins* ħarġu mis-sikta ta' qabel u bdew jinstemgħu, waqt li beda jidher bħal sforz intellettwali kollettiv biex jinqerdu l-preġudizzji ta' l-imgħoddi u sseħħ riforma mill-qiegħ fl-oqsma kollha tal-ħsieb u ta' l-imġiba. Kien wasal iż-żmien li jinħasad il-frott ta' Descartes, Locke u l-oħrajn kollha li seħqu fuq il-bniedem bħala moħħ ħieles u investigattiv.

Dan il-kult tar-raġuni mhux biss warrab prinċipji u kredijiet qodma iżda offra metodi ġodda għall-għarfien xieraq ta' kulma kien meqjus li nftiehem ħażin matul it-tradizzjoni. Hu kemm hu antistoriċista, l-Illuminiżmu hu wkoll żmien li ried jagħraf tajjeb, analitikament, lill-istorja nnifisha. Kollox kellu jsir b'metodu meqjus, xjentifiku, maħsub tajjeb, ippruvat; il-ħassieba, l-istudjużi u l-kittieba wkoll kellhom jinqdew bil-metodi tax-xjenzjati. Jekk waqgħu l-prinċipji qodma ta' l-awtorità, kellhom jaqgħu wkoll it-teoriji qodma li nbnew fuqhom l-istati, is-sistemi politiċi, l-orjentamenti kulturali, ir-reliġjonijiet, l-istituzzjonijiet li għaġnu d-dinja għas-sura tagħhom infushom.

Minn hawn jibda l-proċess ta' reviżjoni ta' l-istorja kollha, proċess li kellu jsaffi lill-kultura minn kulma fiha kien jonqsu s-sisien tar-raġuni. L-injoranza tradizzjonali, riżultat ta' kultura magħluqa fost il-ftit, kellha tintrebaħ bi proċess ta' edukazzjoni tal-kotra, bit-tħaddim xieraq tal-lingwa tal-poplu, bit-tixrid ta' kontenuti li tul it-tradizzjoni l-poplu tħalla sajjem minnhom. Ma setax iseħħ tiġdid mill-qiegħ mingħajr tħaddim tar-raġuni bħala l-mezz li bih il-poplu seta' jikseb għarfien tal-jeddijiet minsija tiegħu. Il-ħeffa fil-lingwaġġ, il-propaganda, l-użu ta' l-istampa kellhom ikunu għodod li jwasslu lill-kotra biex waqt li titgħallem, tagħraf lilha nnifisha u tirraġuna. Il-bniedem illuminista ġdid kien, fuq kollox, kosmopolita, ċittadin ta' dinja waħda u sħiħa.

Dawn l-ideali wasslu għall-ħruġ ta' l-*Encyclopédie* (1751 – 1772), damma wiesgħa u għanja ta' l-għerf kollu li seta' jitwassal lill-kotra, minsuġa xjentifikament minn uħud mill-aqwa mħuħ Franċiżi ta' dik il-ħabta, fosthom Diderot u D'Alembert. F'din l-opra jidher l-aktar il-paradoss ta' l-Illuminiżmu: l-antistoriċiżmu, ħarsa lejn l-imgħoddi bħala sensiela ta' żbalji u preġudizzji, kien imsieħeb ukoll ma' stħarriġ metodiku ta' kulma kellu jinfeda u ma jintremiex, waqt li jingħata bħala kontenut maħsub, irraġunat u ppruvat.

Ħsibijiet ġodda bħall-awtonomija ta' l-Istat mill-Knisja, il-libertà u t-tolleranza reliġjuża, il-jeddijiet ċivili, il-progress kostituzzjonali u oħrajn huma mżewġa mal-prinċipju ewlieni ta' tiġdid lingwistiku. Il-kelma miktuba kellha tissaffa mit-tiżjin fieragħ tal-wirt klassiku u ssir għodda ta' edukazzjoni ċara u tixrid ta' l-għarfien. Dan il-proċess ta' demokratizzazzjoni kellu mbagħad isib il-wetqa kbira tiegħu fiż-

żmien romantiku li, hu kemm hu kuntrarju għall-Illuminiżmu, silet ħafna tagħlimiet miż-żmien ta' qablu. Kien f'dan iż-żmien li Melchiorre Cesarotti, l-awtur tas-*Saggio sulla filosofia delle lingue* (1785) tkellem dwar orjentament lingwistiku ġdid u modern, u bħalu fost l-oħrajn Gianfrancesco Galeani Napione, l-awtur ta' *Dell'uso e dei pregi della lingua italiana* (1790). Paġna importanti fil-ġrajja ta' l-Illuministi Taljani hi magħrufa bħala "Il-Kwistjoni tal-Lingwa", diskussjoni sħiħa dwar ir-relazzjoni bejn it-Taljan u l-Franċiż, u dwar liema kelma, stil u kostrutti kellhom jinkitbu. Fl-isfond ta' dan kollu fl-Italja kien hemm il-pożizzjoni ta' Leonardo Salviati u ta' l-Accademia della Crusca tiegħu: kienet għażla kontra l-latineġġjar fit-Taljan u b'riżq il-Fjorentin arkajku, kif deher sewwa fil-*Vocabolario* ta' l-Akkademja (1612).

Kollox ma' kollox, madanakollu, kemm il-konservattivi u kemm il-modernisti qablu li l-kitba kellha tinfetaħ u tiġġedded biex tilħaq lill-kotra, skond l-ispirtu ġdid ta' l-epoka. Kien iż-żmien li kollox jibda jinkiteb bi lsien il-poplu. Fost bosta eżempji oħrajn jista' jissemma Antonio Genovesi (1713–1769) li, mdakkar mill-fehmiet Franċiżi, beda jgħallem bit-Taljan u waqqaf it-tradizzjoni tat-tagħlim bil-Latin, waqt li fassal ukoll pjan ta' tagħlim u edukazzjoni tal-poplu. Imnebbaħ minn Montesquieu, Gaetano Filangieri (1752–1788) fi *Scienza della legislazione* jfassal pjan sħiħ dwar kif kellha tiġġedded is-soċjetà f'bosta oqsma. Jistgħu jissemmew eżempji oħrajn li jseddqu r-rabta bejn l-ideal tat-tiġdid politiku-kulturali u l-ideal ta' l-edukazzjoni popolari; ilkoll juru li s-seklu tmintax jiftaħ beraħ il-bibien mhux biss għar-reviżjoni ta' l-imgħoddi differenti iżda wkoll għall-emanċipazzjoni tal-bniedem il-ġdid, protagonista li jibni kollox fuq ir-raġuni u fuq jeddijiet miksuba.

Dan l-isfond kulturali Ewropew hu minnu nnifsu xhieda ta' kemm Vassalli m'hu xejn għajr iben l-epoka li għex fiha. Ix-xejriet imsemmija jistgħu jingħataw ilkoll applikazzjoni diretta għalih u minnhom jissawwar il-karattru persunali, kulturali u xjentifiku tiegħu, anki bħala purista. F'dan id-dawl jitqies tajjeb il-fatt ta' Vassalli Ewropew li xtaq jinserixxi lil Malta wkoll fil-kwadru kontinentali.

Ħarsa qasira lejn il-lingwaġġ imħaddem minn Vassalli hi biżżejjed biex tixhed it-twemmin qawwi tiegħu fil-fakultà li l-epoka emmnet għal kollox fiha. *F'Alla nazione maltese* hu mhux biss ifisser l-għanijiet storiċi tiegħu fil-kitba tal-*Lexicon* iżda jisħaq fuq il-metodu fl-istħarriġ, fuq ir-raġuni u fuq kif kull pass li għamel huwa fehem li kellu jibnih fuq il-provi u l-istudju. Dawn li ġejjin huma kliem u frażijiet misluta mill-kitba msemmija li lkoll iduru madwar l-idea fundamentali tar-raġuni u tal-metodu xjentifiku: *adequata idea; ragionato giudizio; con principj e discernimento esaminar vogliate; vostro giudizio; vostre caute vedute; ragionevoli risposte; confuse nozioni e vacillanti principj privi affatto di ragione; uomini culti e ragionatori; objezioni nuove e ragionate; ragion vuole; giudicarle; ben comprendere; discorso preliminare e ragionato; modi i più chiari e ragionati; uomini giusti; saggi e filantropi non cercano altro che la verità; chiaro aspetto; o' tutto il piacere di essere illuminato; o' il diritto di essere informato; competente giudice; le cognizioni tutte; le mal formate idee; de' lunghi esami; le giuste interpretazioni; ragionamenti; si vedra' quanto ragionati siano la condotta, il metodo.*

Fil-*Progetto* li jagħlaq id-*Discorso Preliminare* huwa jistqarr: "Gli uomini ragionevoli, benefici, illuminati e filantropi che s'interessano al ben comune non possono pensare diversamente." L-insistenza sħiħa tiegħu fuq il-lingwaġġ tar-raġuni u tad-dawl intellettwali, marsus fi spazji żgħar, turi li bħala ġustifikazzjoni għal kulma qiegħed jagħmel f'Malta hemm il-mentalità Ewropea. L-għeluq tal-*Progetto* hu tipiku: "Strappisi adunque il velo funesto che per dura necessità ci à finora ingombrati, e risolvasi una volta di dissipare, come àn dissipato dall'Europa il presente secolo e la sana Filosofia, le tenebre dell'ignoranza, di frangere i ferri del pregiudizio, e di esiliare per sempre gl'adorati abusi col sostituire nuovi e retti usi, col proporre nuovi e ragionati metodi, e bandiscasi da ciascun di noi ogni contraria difficoltà, come bandii da me sul principio di questo lavoro ogni prevenzione ed ogni timore di critica. Quando si ànno stabili principj, quando ci assistono ragione e fatto non deesi temere."

Min-naħa l-oħra jitla' fil-wiċċ il-kliem li hu tipiku tal-kultura romantika, imsejsa fuq in-nazzjonaliżmu, l-identità territorjali, il-ħakma tas-sentiment u l-individwalità. Tneżżigħ ħafif ta' dan il-lessiku fil-kitbiet imsemmija jixhed il-profondità li biha Vassalli daħal sa minn kmieni fil-kuxjenza tal-moviment Ewropew li daqskemm xorob mill-Illuminiżmu kellu wkoll joffri viżjoni ġdida u differenti: *il comune vantaggio della mia Patria; le incessanti di lei brame; o miei Concittadini; bramo; pubblico; la Nazione; La lingua Nazionale; o miei Concittadini; l'amor patrio ed i comuni vantaggi stanno più che altro a cuore; dolce lusinga; nazionale favella.*

Mill-bqija, il-kitbiet l-oħra ta' Vassalli huma miżgħudin b'din it-taħlita ta' kliem tipiku tal-kuxjenza illuminista u tal-kuxjenza romantika. Hi taħlita li turi li huwa xorob miż-żewġ kulturi ta' żmienu għaliex lemaħ fihom mhux biss il-fejda soċjali iżda wkoll il-possibilità tas-sintesi. L-edukatur liberali illuminista, immexxi mir-raġuni bħala fakultà u metodu, u r-ribell-riformatur romantiku, immexxi mill-viżjoni nazzjonali u sentimentali, huma l-komponenti ta' persunalità kumplessa waħda, it-tnejn imseddqin mill-mod kif Vassalli ħaseb, kiteb u għex. F'dan id-dawl il-bijografija spettakolari tiegħu tintiseġ sfiq ma' l-opra tiegħu, b'mod li t-tnejn jidhru bħala l-kawża u l-effett ta' xulxin. Din ir-reċiproċità ġewwiena ssaħħaħ il-fehma li l-bniedem u l-ħassieb huma t-tnejn xejriet ta' individwalità waħda, li daqskemm hi kuraġġuża fil-qasam ta' l-għajxien u ta' l-azzjoni hi wkoll kuraġġuża fil-qasam tal-proġett nazzjonali ġdid li ħareġ minnha. Id-distanza bejn l-Ewropa u Malta ta' żmienu tispjega għala hu spirtu modern u, għalhekk, ma setax jiftiehem.

## Il-ħsieb politiku u kulturali

Ix-xogħlijiet ewlenin tiegħu huma *Mylsen phoenico-punicum sive grammatica melitensis* (Ruma, 1791), *Ktieb il-Kliem Malti mfisser bil-Latin u bit-Taljan sive Liber Dictionum Melitensium* jew *Vocabolario maltese recato nelle lingue latina e italiana* (Ruma, A.Fulgonio, 1796), u *Motti, aforismi e proverbii maltesi* (Malta, 1828). Fil-ġrajja tal-qlib tat-testi Bibbliċi hu wkoll importanti għall-*Quatuor Evangelia et Actus Apostolorum* (Londra, R.Watts, 1829).

Forsi mkien iżjed milli fil-kelmtejn li jintroduċu d-dizzjunarju, imsemmijin "Alla nazione maltese", ma jinħass qawwi l-ispirtu investigattiv ta' Vassalli, ruħ imqanqla u solitarja fil-ħemda kulturali Maltija ta' l-1796, bosta snin qabel ma kellu jseħħ iċ-ċaqliq b'riżq il-qawmien politiku u kulturali tal-gżira. Is-silta li turi l-aktar l-individwalità u l-ħerqa patrijottika tiegħu hi din: "A niun altro che a Voi consacro la presente opera, perch'ella vi appartiene ne' principali suoi rapporti. AVoi la deggio unicamente dedicare, perchè descrive ed illustra il pregevol monumento della più antica favella che insin oggi avete conservato. Voi la riguarderete come vostra, perchè raccolta tra di voi medesimi da un vostro compatriotto. Voi più che altri formar potrete un'adequata idea e dare ragionato giudizio, qualora con principj e discernimento esaminar vogliate le proprietà, qualità, e prerogative d'un idioma finora incolto ed ignoto. E siccome nel tessere questo Lessico o' avuto sempre innanzi gli occhi il comune vantaggio della mia Patria e le incessanti di lei brame; così ora nell'inviarvelo mi lusingo di poter appagare il voto universale... Voi intanto, o miei Concittadini, a' quali l'amor patrio ed i comuni vantaggi stanno più che altro a cuore, accettate di buon grado l'opera, che o' la sorte di presentarvi colla dolce lusinga di poter incontrare il vostro aggradimento, e di rendermi in tal guisa utile non solo alla Repubblica degl'eruditi, ma eziandio a Voi, a' vostri figli, ed ai più tardi nipoti, qualor vogliasi approfittare dell'opportunità di quest'opera. Vivete felici."[4]

Dawn il-ħsibijiet, u l-iżjed l-użu mtenni ta' kliem "ġdid" bħal *patria, concittadini, amor patrio,* jixħtu dawl qawwi fuq Vassalli mhux l-iżjed bħala studjuż ta' lsien daqskemm fuq Vassalli idealista u patrijott, mixgħul mill-fehmiet moderni ta' l-Illuminiżmu u tar-Romantiċiżmu. Il-ħidmiet politiċi tiegħu, il-qlubija u l-konvinzjoni kontra l-poter ma jistgħux jinfirdu kif ġieb u laħaq mill-ħidma tiegħu b'riżq l-ilsien Malti, meqjusa dejjem fid-dawl tal-kundizzjonijiet imsemmija.

Sa mill-1933 Dun Karm ra fih figura li tħaddan wisq aktar milli hemm fl-isem li sar magħruf bih, "Missier l-Ilsien Malti". Kienet ħaġa loġika għall-poeta li jilmaħ fih il-profeta mbiegħed ta' nazzjon indipendenti:

*u kont ewlieni fost in-nisel tagħna*
*li ħsibt il-jedd li nkunu ġens għalina.*[5]

Id-"Discorso preliminare" tiegħu, meħmuż bħala daħla għad-dizzjunarju, jixraqlu attenzjoni kbira minn min irid jistħarreġ il-medda tal-viżjoni Maltija tiegħu. Taħt il-kunsiderazzjoni ta' xeħta lingwistika tinħass ittektek id-dehra ta' Malta differenti u ġdida, in-nazzjon ħieles li tkellem dwaru sikwit. Il-pjanijiet tiegħu ta' liema użu jista' jsir mill-Malti miktub, il-ħtieġa li jinfetħu skejjel għall-kotra, il-fehmiet tiegħu dwar it-trawwim ta' poeżija miktuba bil-Malti, u r-riflessjonijiet imxerrda 'l hawn u 'l hinn dwar il-psikoloġija tal-Maltin kif din tidher l-aktar fit-taħdit u fil-kitba: dawn huma biss uħud mill-ispunti li jbiddlu l-figura ta' Vassalli f'dik ta' osservatur ħerqan tal-poplu tiegħu.

Vassalli jiftaħ id-"Discorso" billi jikxef l-għeruq tal-kuxjenza Ewropea moderna tiegħu: f'seklu meta l-arti u x-xjenzi għamlu progress mill-ikbar, kien xieraq li ma jibqax imwarrab u midfun wieħed mill-eqdem monumenti, l-ilsien Malti. Huwa

jitkellem minnufih dwar il-Malti bħala lingwa, u jegħleb diġà x-xejriet tad-dibattitu li seħħ aktar tard dwar jekk il-Malti hux lingwa jew djalett. Il-Malti hu l-lingwa tagħna ("nostra lingua"), lingwa mċaħħda mill-ħarsien xieraq ("incolta lingua"). Hi wkoll qadima ("antica favella"), lingwa li ntisġet mal-ġrajja tal-poplu u saret tiegħu bħala lsien nazzjonali ("lingua patria e nativa"). Minn din il-"lingua incolta ed antica" huwa xtaq bħallikieku jislet il-prinċipji li jseddqu l-istess nazzjonalità tal-gżira. Bl-għarfien tal-Malti, il-Maltin setgħu jitgħallmu l-ilsna barranin u jiksbu d-dawl tax-xjenzi ("l'unico organo per acquistare le lingue estere, e per ottenere in breve i lumi benefici delle scienze").

Il-Malti hu lsien qadim, u għalhekk hu minnu nnifsu erudit. Il-ġrajja tal-lingwa hija marbuta mill-qrib mal-ġrajja tal-bnedmin li jitħaddtuha; għalhekk l-għarfien ta' l-istorja lingwistika jwassal għall-għarfien ta' l-istorja tal-poplu, u l-kuntrarju. Vassalli jagħti l-fehmiet tiegħu dwar din ir-rabta bejn il-lingwa u l-poplu, u juri minnufih li għalih l-għarfien tal-Malti hu l-għarfien stess ta' l-identità tal-pajjiż. Dan huwa l-aspett politiku u kulturali l-iżjed importanti li joħroġ mill-ħsieb tiegħu kollu; l-istħarriġ tal-lingwa jimxi id f'id ma' l-istħarriġ ta' l-individwalità territorjali u nazzjonali li titħadditha. Hi mġiba kollha kemm hi politika li tqanqal lil Vassalli biex jixħet ħarstu, ta' studjuż daqskemm ta' ħassieb politiku, fuq il-Malti bħala lsien qadim u minsi, żewġ xejriet li jgħoddu bl-istess mod għall-istess poplu Malti.

Għal Vassalli l-Malti hu lingwa, li tidħol fil-familja tagħha, waqt li għandha x-xejriet partikulari li jagħżluha: "la lingua de' maltesi al giorno d'oggi è divenuta una lingua a parte, da considerarsi nella classe delle lingue orientali, delle quali è un complesso e per l'antichità e per la rarità di molti vocaboli in essa soli esistenti; onde parlandosi unicamente in Malta e Gozo, perciò dir si dee maltese." Huwa jagħraf ukoll ħames djaletti ta' din il-lingwa: id-djalett tal-bliet, id-djalett ta' Għawdex, id-djalett tar-rħula t'isfel, id-djalett tar-rħula ta' fuq, u d-djalett tar-rħula tan-nofs. Huwa jagħraf diġà t-taħsir bla ħtieġa tax-xeħta qadima tal-lingwa minħabba d-dħul ta' taħdit minn ilsna oħra li m'hux meħtieġ. Dwar id-djalett tal-bliet huwa jsemmi "un certo fanatismo che alcuni ànno di maltezzare voci estere e di barbarizzare l'idioma nativo con espressioni siciliane, italiane, francesi, e simili." Vassalli, studjuż ta' l-ilsna, kittieb ta' xogħlijiet bil-Latin u bit-Taljan minbarra bil-Malti, jagħraf sa minn kmieni l-ħtieġa li din id-drawwa ta' taħlit ta' lingwi differenti titrażżan qabel ma tixtered mal-pajjiż kollu: "Questo insipido e sciocco dialetto, o *patois,* bisognerebbe proccurare di estirparlo ora sul suo nascere; poichè col tempo potrà radicarsi in tutto il dominio." Dan kollu jqarrbu lejn l-Accademia della Crusca.

Huwa jagħraf fil-Malti wieħed mill-ilsna l-iżjed ħelwin, espressivi, sbieħ u kontrana fil-kliem. Dawn ix-xejriet jistgħu jerġgħu jitilgħu fil-wiċċ skond kemm il-Malti jkun ikkultivat. Jekk jitħares kif imissu, il-Malti jerġa' jikseb ix-xejriet sbieħ li għandu rieqda u mrażżna fih. It-tirqim tal-lingwa hu proposta kulturali: "sembra ella è vero rozza e piena di barbarismi a primo aspetto; ma ciò accade perch'è trascurata, ed appostatamente vi s'introducono le voci esotiche; ma si coltivi prima, anche per un poco, e si vedrà che più d'ogni altra è suscettibile di cultura." Il-ħarsien tal-lingwa

m'hux mifhum minn Vassalli bħala programm ta' studju maqtugħ għalih waħdu, iżda hu meqjus bħala mezz ewlieni biex tingħaraf l-individwalità tal-pajjiż. Miegħu timxi l-letteratura bħala l-espressjoni popolari l-iżjed safja u naturali. Huwa jitkellem dwar "la vivezza dell'espressioni, le sentenze prodotte dal fervore della fantasia maltese, la semplicità, e la naturalezza attrattiva unite alle doti naturali della lingua"; dawn huma x-xejriet li jsawru "il bello delle nostre canzoni".

Din l-aħħar frażi hi waqt rari fil-kitba kollha ta' Vassalli li jersaq kemm kemm lejn riflessjoni letterarja. Huwa jissokta billi jfisser ix-xewqa li jinġabru l-għanjiet Maltin: "Sarebbe impresa molto degna che alcun de' nostri si mettesse ad illustrare questo articolo; ma per riuscirvi dovrebbe tenersi lontano dagl'usi poetici di quelle nazioni eterogenee di lingua riguardo alla nostra, dei quali non credo che sia troppo suscettibile un'antica lingua orientale."

Id-diskussjoni dwar jekk il-poeżija Maltija, miktuba fi lsien ta' nisel Semitiku, għandhiex tadotta t-teknika prosodika Orjentali tiftiehem aħjar fid-dawl tal-kliem li Vassalli għażel li jdaħħal fid-dizzjunarju skond in-nisel tiegħu. Min-naħa l-oħra, l-ambjent Malti, dejjem imħejji jilqa' l-influssi Latini u kuntrarju għall-influwenzi Għarab, kif ukoll it-tradizzjoni poetika Taljana kollha tal-Maltin ma setgħux jgħinu fil-qasam tal-koltivazzjoni tal-Malti bħala għodda poetika kieku l-poeti li ġew wara qatgħuha li jidħlu fi tradizzjoni ġdida, akkademika u artifiċjali wisq għall-qagħda storika, jiġifieri kieku adottaw il-forom poetiċi tad-dinja Semitika. Il-programm tal-ġbir ta' l-eqdem kitbiet poetiċi bil-Malti, mibdi fl-1791 meta Francois Emm. Guignard de St. Priest xandar tliet għanjiet qosra ta' Gioacchino Navarro, u ssoktat minn Mrs Iliff (1818), F. Vella u G. Montebello Pulis (1824), George Percy Badger (1838) u oħrajn, kellu juri li l-iżvilupp tal-poeżija bil-Malti kellu jseħħ fi ħdan il-kwadru tat-tradizzjoni poetika Taljana eqdem tal-gżira. Il-fehma ta' Ġan Anton Vassallo fl-1861 tinħass bħallikieku tweġiba mbiegħda u prattika għall-proposta ta' Vassalli: "Sacrificheremo pure vanità filologiche e interessi maggiori, a più alto fine; facciam ogni sforzo per inspingerci verso l'occidente nonostante l'orientalismo della nostra lingua. All'oriente, bellissimo nelle pagine di Chateaubriand e Lamartine, diamo soltanto un saluto poetico; sien essi però i nostri sguardi, i nostri sospiri, per l'occidente."[6]

L-aħjar stqarrija letterarja tiegħu hi li biex jirtoqom il-Malti jeħtieġ li jinkitbu bih xogħlijiet oriġinali, u mhux jinqalbu xogħlijiet minn ilsna oħra. Vassalli jissuġerixxi li jitfissru mingħajr dell ta' imitazzjoni barranija sentimenti msawra u maħsuba bil-Malti, u għal dan il-għan kulturali tiswa fuq kollox il-poeżija. Din il-proposta tidwi l-fehma magħrufa li fil-qawmien letterarju ta' lingwa, kif tixhed l-istorja letterarja Maltija nnifisha, hija l-poeżija li ssib l-ewwel u l-akbar żvilupp.

Bħalma jgħid hu nnifsu, dawn il-fehmiet juru l-"erudizione" u l-"utilità" tal-Malti, jiġifieri jiġbru d-dinjità kulturali u l-funzjoni soċjali u edukattiva ta' l-ilsien tal-kotra. Minn hawn 'il quddiem (fit-taqsimiet XXVI-XXXVIII tad-"Discorso preliminare") Vassalli jitħaddet dwar il-ħtieġa li l-ilsien Malti jkun ikkultivat. Il-qedem tal-lingwa huwa minnu nnifsu ta' ġid għar-"repubblica delle lettere" għaliex

il-qedem stess jixħet dawl fuq għadd ta' ħwejjeġ. Madankollu, il-ħarsien tal-lingwa huwa wkoll meħtieġ għan-nazzjon li jitħadditha. Il-kultura nazzjonali tinbet mil-lingwa u biha tista' tiżviluppa ruħha. B'hekk jissawru l-ideat, u jikbru s-sentimenti nazzjonali. Mingħajr il-kultivazzjoni tal-lingwa, il-bniedem li jitħadditha ma jista' qatt ikollu kultura xierqa. Bħalma dan il-programm ta' ħarsien lingwistiku seħħ f'artijiet oħra, fosthom fi Sqallija, jgħid Vassalli, hekk ukoll għandu jibda jseħħ f'Malta. Minn dan in-nuqqas ta' ħarsien qiegħda tbati Malta, "la nostra nazione", kemm fl-aspett materjali u kemm fl-aspett morali ("nel fisico egualmente che nel morale").

B'dawn il-ħsibijiet Vassalli jgħaddi biex jagħti definizzjoni tassew moderna ta' nazzjon, dejjem mibnija fuq l-għarfien u l-ħarsien ta' l-ilsien nazzjonali. Il-kultura ta' nazzjon tikkonsisti fl-edukazzjoni, minn fejn titnissel il-moralità tiegħu, kif ukoll fl-għaqal tal-politika nazzjonali li biha taħdem għall-ġid komuni. Il-kultura titlob ukoll il-kultivazzjoni tax-xjenza u ta' l-arti, biex b'hekk jikber il-kummerċ. Huwa meħtieġ ukoll l-għarfien u l-ħarsien tal-liġijiet, li jżommu l-istat fil-paċi u fit-trankwillità. Dan kollu ma jistax jinkiseb mingħajr l-użu ta' l-ilsien tal-pajjiż, miktub u mħaddem fost kulħadd, għaliex il-lingwa hi l-mezz ewlieni tas-soċjetà. Minn dan wieħed jikkonkludi li fejn l-ilsien nazzjonali m'hux ikkultivat u ma jinkitibx, in-nazzjon li jitħaddtu ma jista' jasal qatt biex jikber u jiffjorixxi.

Il-lingwa nazzjonali hi meħtieġa qabelxejn għall-edukazzjoni: "la cultura... della lingua materna è necessaria in primo luogo per l'educazione. Questa è il principal oggetto, che deve avere una nazione, perchè da lei la comune felicità dipende." Il-moħħ jitħaddem sewwa, u l-ideat jitfasslu kif jixraq b'dan il-mod: billi kollox jinbena fuq l-ilsien naturali. Vassalli jistħarreġ u jikkritika l-qagħda lingwistika fil-pajjiż u jisħaq fuq x'għandu jsir biex ma jintilfux "le speranze della patria e della repubblica letteraria". Huwa jara l-kawża ta' dan kollu fil-"confusa e disordinata maniera d'insegnare, perchè non fondata sulla nativa lingua"; il-pajjiż għandu sistema edukattiva "ciecamente imitata sopra altre nazioni, i cui metodi non si possono adoperare, se non sono ben applicati ed adattati alla nazione che li accetta, e li riforma a suo uso."

Huma lkoll ħsibijiet li juru kemm Vassalli hu ħassieb modern, kemm għal żmienu u kemm għaż-żminijiet ta' warajh. Il-fehmiet tiegħu jaqblu ma' dawk li jfissru fi żmienna l-aqwa esperti Ewropej ta' l-edukazzjoni, waqt li jbassru bosta miżuri li mbagħad bdew iseħħu fis-sistema tat-tagħlim, għallinqas minn żmien ir-rapport ta' Keenan (1879) 'il quddiem.

Is-soluzzjoni tinsab fit-tbiddil tal-metodu, tbiddil li jqis lil Malta bħala nazzjon li għandu l-lingwa tiegħu u li għandha tingħata l-aqwa post fil-qasam tat-tagħlim: "questi mali che ora sono evitabili si soffriranno d'ogginnanzi ancora, se alla coltura della materna lingua, ch'è l'unico e vero mezzo d'acquistare l'altre lingue ed anche le scienze noi non ci rivolgiamo." Minbarra ż-żgħażagħ, l-adulti wkoll jeħtieġu l-ilsien nazzjonali biex jedukaw ruħhom u jimmaturaw, u jieħdu ħsieb l-interessi tagħhom. Il-modernità tal-ħsieb ta' Vassalli, imdawwal mill-fehmiet ġodda li xterdu fil-kontinent fi żmienu, u li hu fittex li jdaħħal f'Malta, tidher aħjar f'din

is-silta: "A tempi nostri poi, dacchè il leggere e lo scrivere si è reso famigliare a tutte le culte nazioni, e specialmente dopo l'uso della stampa, bisogna riguardare queste facoltà come un sesto sentimento, il cui sviluppo può solo renderci veramente degni della società e veri cittadini. Tale facoltà però dev'essere quella della lingua nazionale, per cui all'istante intendiamo quello che leggiamo, possiamo facilmente scrivere, e rettamente ci dirigiamo ad ampliarla in altre lingue più comuni ed universali, all'acquisto delle quali la propria lingua culta infallibilmente ci conduce."

Vassalli jitkellem diġà dwar ir-"repubbblika" li għandha jkollha ċittadini xierqa tagħha. Il-moralità tajba, l-għarfien tar-reliġjon, il-ħarsien tal-liġijiet: huma lkoll xejriet li jbiddlu lill-bniedem f'ċittadin ċivilizzat. Dawn ix-xejriet ma jistgħux jinkisbu mingħajr l-għarfien tal-lingwa nazzjonali. Fi kliem ieħor, Vassalli jara fil-Malti l-aqwa għodda biex jinbena nazzjon modern u ċivilizzat, fejn l-edukazzjoni, il-kultura u l-ħidma politika jimxu flimkien b'riżq dak li hu jsejjaħlu l-ġid komuni. Għalhekk hemm il-ħtieġa li Malta jkollha l-kotba tagħha biex jedukaw lill-poplu: "La buona Morale, che tende alla felicità dell'uomo può essere a tutti nota, se ci mancano libri nei quali leggerla e meditarla? La Religione che co'suoi alti misterj, santi dommi, e massime eterne frena e tiene in soggezione la società, e ci consola colle speranze future, potrà sortire il suo intento? Se questa non può essere ben insegnata? se non abbiamo nemmeno un libro che la tratti in lingua nostra? se per fino i di lei ministri stentano ad insinuarla e predicarla, come di ragione non possono fare altri menti mancandogli i mezzi sufficienti ed opportuni?"

Jidher sewwa li l-ħsieb ta' Vassalli jħares lejn in-nazzjon kollu, u jara n-nuqqasijiet kulturali, soċjali u politiċi tiegħu mnisslin min-nuqqas ta' edukazzjoni tal-kotra, saħansitra fil-qasam reliġjuż, fejn ma kienx għad hemm imqar ktieb miktub tajjeb dwar il-morali u d-dmirijiet tan-Nisrani u l-ħwejjeġ l-oħra meħtieġa, bħalma hu katekiżmu jew ktieb tad-devozzjoni. Dawn il-kotba, jissokta jikteb, jistgħu jinħolqu biss meta l-lingwa tkun ikkultivata (u hawn isemmi ktieb wieħed li kien mimli żbalji, u diffiċli biex jiftiehem).

Il-ġid tan-nazzjon jitlob ukoll li l-liġijiet ikunu miktuba bil-Malti; il-kodiċi li jgħaqqadhom flimkien għandu jkun bħal katekiżmu. Jekk iċ-ċittadin, jissokta Vassalli, m'għandux il-ħila jagħraf il-konsegwenzi koroh li joħorġu minn azzjonijiet ħżiena li jsiru kontrieh jew kontra l-libertà tiegħu nnifsu, huwa jsir ilsir ta' għadd ta' nies, li jħarsu l-liġijiet u li jispjegawhom kif jidhrilhom huma. Għal Vassalli, mela, id-demokrazija moderna tinbena fuq iċ-ċittadin li jaf sewwa d-dmirijiet u l-jeddijiet tiegħu. Nazzjon li jkollu ċittadini li jagħarfu l-qagħda tagħhom fl-istat jista' jimxi sewwa u mingħajr tfixkil żejjed: "Più che sarà il numero delle persone che leggeranno ed intenderanno le leggi, minor sarà quello degli uomini che le violano." Għalhekk it-tfal għandhom jitgħallmu fl-iskejjel kif jaqraw, kemm il-kotba tar-reliġjon, u kemm il-kotba tal-liġi. Vassalli jemmen li hemm kuxjenza popolari dwar din il-ħtieġa ("la nazione maltese è da per se convinta che la lingua popolare è molto necessaria, e che perciò debbasi coltivare"); għalhekk minn hawn 'il quddiem huwa jgħaddi biex jistħarreġ il-mod kif dan jista' jsir.

Vassalli jtemm id-"Discorso preliminare" b'konklużjoni li tixhed, fuq naħa, iċ-ċarezza u d-determinazzjoni tal-ħsieb tiegħu u, fuq in-naħa l-oħra, ir-responsabbiltà li issa għandu l-pajjiż li jfittex is-soluzzjoni għal din il-problema. Hi problema nazzjonali li huwa jħares lejha min-naħa kulturali, fis-sens wiesa' tal-kelma, biex jasal għal interpretazzjoni sħiħa u waħda ta' nazzjon, anzi ta'repubblika, fejn id-dawl tal-moħħ iwassal għal kull għamla ta' emaċipazzjoni. Huwa jikteb: "L'avere un male e non poterlo conoscere è un gran danno; il conoscerlo e non saper il rimedio è una pena, che mette l'uomo nell'ansietà di saperlo: ma il conoscere il rimedio al male, e non proccurarlo è un male maggiore del male istesso. Che si dirà poi di chi conosce il male, sa, ed à fra le mani il rimedio; e frattanto trascura di apponerlo?"

Il-ħsara ta' Malta hi l-injuranza, in-nuqqas ta' kuxjenza nazzjonali; hi ħsara li titneħħa bit-tagħlim tal-kotra, li ma tistax isseħħ jekk mhux bis-saħħa tal-kultivazzjoni tal-lingwa Maltija. Fuq dan is-sies jinbena mbagħad in-nazzjon modern li qiegħed jara Vassalli, nazzjon li jgħaqqad il-ġid soċjali mad-dawl tal-moħħ. Hi viżjoni integrali li tbiddel lill-istudjuż tal-lingwa f'ħassieb li qiegħed ifassal il-pjan kif Malta tista' tqiegħed is-sisien għall-bini ta' dik li hu qiegħed isejħilha diġà repubblika. F'dan id-dawl is-sehem ta' Vassalli ma jolqotx biss l-istorja tal-lingwa Maltija, iżda wkoll l-istorja politika, li fiha huwa għandu l-post ta' protagonista bikri li qanqal moviment li kellu jasal għall-wetqa tiegħu żmien twil wara. Is-sigriet tal-moderniżmu tal-ħsieb u ta' l-azzjoni ta' Vassalli jinsab fil-fatt li hu ddakkar mill-fehmiet ewlenin ta' l-Ewropa ta' żmienu u ħaddanhom biex applikahom, b'analiżi storika, għal pajjiżu. Il-ħarsa tiegħu hi mixħuta lejn Malta kolonja li hi nazzjon u li għandha madwarha l-punti tar-riferiment għall-qawmien, iżda li għandha ssib ġewwa fiha stess is-saħħa li tqajjimha wara li tkun għarfet il-kredenzjali li jagħtuha l-jedd politiku u kulturali għal dan il-qawmien. Tqabbil tal-fehmiet tiegħu f'dan il-qasam mal-fehmiet ta' protagonisti politiċi li ġew warajh, minn Mitrovich 'il quddiem, jista' jseddaq aħjar dan kollu.

Fehmiet importanti oħrajn dwar in-nazzjonalità Maltija huma mfissra fil-"Prefazione" għall-*Motti, aforismi e proverbii maltesi* (1828). Vassalli jistqarr li kien ilu mill-1783 ifittex li jagħraf dan il-wirt popolari bil-ħsieb li jiftaħ triq tajba għall-koltivazzjoni ta' l-ilsien Malti.[7] Matul iż-żmien, aktar ma mexa 'l quddiem f'dan l-istudju, sab li l-għadd ta' dawn il-qwiel beda jikber, għaliex l-istħarriġ tal-prinċipji ortografiċi u etimoloġiċi tal-lingwa kien l-aħjar okkażjoni għalih biex jiltaqa' magħhom. Uħud minnhom iddaħħlu fid-dizzjunarju, meta deherlu li kellu jseddaq xi tifsira speċjali ta' kliem oskur jew għidut b'aktar minn tifsira waħda. B'hekk seta' wkoll juri d-differenza li hemm bejn terminu u ieħor skond il-binja li jsibu ruħhom fiha.

L-għan ewlieni fit-tiftix tal-qwiel Maltin, jistqarr Vassalli, hu li jsib fihom is-safa ta' l-espressjoni u tal-morali. Jidher minnufih li mqar fit-tiftix lingwistiku Vassalli hu mmexxi mill-prinċipji tal-ħsieb ewlieni Ewropew ta' l-epoka. Huwa jintegra minnufih l-għarfien ta' l-għidut mat-tiġrib u ma' l-identità tal-poplu, ħallieq u kelliem.

Fil-fehma tiegħu, aktar ma wieħed imur lura fiż-żmien, aktar tixref is-safa msemmija; bħal drabi oħrajn, huwa qiegħed ifittex l-għeruq tan-nazzjonalità, u mhux biss ix-xejriet evidenti tagħha. Fi kliem ieħor, il-wirt idjomatiku huwa xhieda ta' l-imgħoddi mbiegħed, fdal ta' fehmiet u esperjenzi li waslu mill-qedem. Is-sens tal-qedem tal-Malti hu fundamentali fil-ħsieb ta' Vassalli, u r-rabta li jsib bejn il-qedem tat-taħdit u l-qedem ta' l-istorja ma ddumx ma titbiddel f'ġustifikazzjoni għad-definizzjoni nnifisha tiegħu ta' Malta bħala nazzjon u tal-Malti bħala lsien nazzjonali. Stħarriġ komparat ta' dan il-punt importanti jqiegħed lil Vassalli spalla ma' spalla mal-ħassieba u ma' l-istudjużi kontinentali ta' l-epoka.

F'dawn l-espressjonijiet, moħbija taħt suriet differenti, xi drabi enimmatiċi u drabi oħra figurati, hemm is-sentimenti maħsusa mill-Maltin imgħoddija, dawk li hu jsejħilhom "i nostri antichi". Mhux l-espressjonijiet kollha għandhom l-istess fejda u siwi, iżda lkoll għandhom sehemhom fil-funzjoni ewlenija li jroddu sentimenti morali u edukattivi li jiswew ta' ġid għas-soċjetà: "Noi osserviamo, è vero, che non tutte le massime siano di egual carato; poiche' si rinvengono di quei detti e motti d'usi, d'abitudini, di arti, ed altri, il cui valore è indifferente a parecchi: però questi non lasciano ancora d'esser parzialmente utili. Ma, generalmente parlando, si vede come i nostri avi sapevano, per via di forme e similitudini fisiche, passare grado grado ed insensibilmente ad insinuare alla società, e tramandare ai lor posteri, sentimenti morali ed istruttivi, i più savii, sani, ed eccellenti pel commun vivere de' loro concittadini."

Il-ġbir ta' dawn il-qwiel hu mifhum minn Vassalli bħala l-bini tal-ġrajja morali u spiritwali tal-ġens Malti; fihom jixirfu l-valuri tagħhom li għaddew minn ġenerazzjoni għal oħra, għalhekk l-għarfien u l-apprezzament tagħhom huma għamla ta' valutazzjoni ta' nazzjon fih innifsu, fid-dawl tar-ruħ distintiva tiegħu. Dan l-orjentament hu kollu kemm hu tipiku tal-viżjoni morali li torbot l-Illuminiżmu mar-Romanticiżmu fi proċess wieħed, djalettiku u kuntrastanti kemm jista' jkun, imma mrabbat fil-qofol tiegħu b'raġunijiet li għaddew bla ebda qtugħ minn seklu għal ta' warajh. Hija sewwasew din l-ewropeità tal-ħsieb Malti ta' Vassalli li turi l-modernità tiegħu, kontemporanju ta' l-imħuħ Ewropej, u ruħ solitarja u qabel żmienha fl-għeluq tal-gżira ta' dik il-ħabta. L-iskoperta tat-taħdit għaqli tal-Maltin hi soċjoloġika: "si scorge a chiaro giorno come pensavano, e praticavano in confronto del nostro agire: in che consisteva la loro morale, l'amor della virtù, l'abborrimento al vizio, che procuravano di tener lontano dalle famiglie; l'estensione della loro filantropia; e parimente quanto con siffatta condotta differivano da quella del secolo presente; dimodocchè possiamo asseverantemente affermare, che ne' secoli remoti, anche pria del passaggio de' Saraceni, vi era in quest'isola un sodo sapere e procedere con semplicità e riguardi per il bene della vita sociale, ignoto a noi negli ultimi, e nel presente secolo; forse perchè i posteri, e noi tardi nipoti, non l'abbiamo saputo o potuto conservarlo."

Fehmiet bħal dawn jixhdu li Vassalli m'huwiex biss il-kollezzjonista metodiku tal-wirt mitħaddet tal-Maltin iżda wkoll l-istoriku tal-moralità tagħhom. Imxebilkin ma' dawn l-aspetti hemm ukoll sensiela ta' ġudizzji morali u storiċi, kif ukoll ideat

dwar is-sistema tal-ħsieb Malti. Fuq is-sisien tat-tiftix tal-kliem tal-poplu Vassalli jrid jibni mhux biss il-ġustifikazzjoni moderna tal-jedd ta' l-ilsien imwarrab li jkun imħares u studjat u mħaddem fl-oqsma kollha ta' nazzjon li qiegħed jagħraf lilu nnifsu u jimxi fid-dawl ta' l-epoka l-ġdida, li hu jsejħilha l-epoka tad-dawl, iżda jrid jibni wkoll interpretazzjoni ta' ġens skond din l-istess ġustifikazzjoni. Meta l-lingwa ma tibqax titqies biss bħala għodda ta' taħdit iżda ssir ukoll dokument ta' ruħ ta' poplu, l-implikazzjonijiet joktru u jinfetħu. Vassalli, f'dawn is-siltiet u f'oħrajn karatteristiċi, m'huwiex aktar l-istudjuż tal-lingwa, iżda hu wisq iżjed il-ħassieb politiku, l-interpretu ta' identità nazzjonali sħiħa.

Il-ħsieb tiegħu jixxengel bejn żewġ naħiet, in-naħa ta' "i nostri avi" u n-naħa ta' "i lor posteri", tas-"secolo presente" f'kuntrast mas-"secoli remoti". Il-moraliżmu li hi mgħobbija bih sikwit l-interpretazzjoni lingwistika-kulturali ta' Vassalli toħorġu minnufih 'il barra mill-għeluq ta' l-istudjuż tal-lingwa u tqiegħdu fil-beraħ tal-filosfu politiku, ta' l-ideatur u tal-pjanifikatur soċjali. Hija sewwasew din id-dinamika morali li jilmaħ fil-ħsieb u fil-kelma Maltija li, kollox ma' kollox, tbiddel lil Vassalli f'viżjonarju li mix-xhieda lingwistika tal-qedem jislet il-ġustifikazzjonijiet politiċi tal-ġejjieni. Hi dejqa, u saħansitra inġusta, għalhekk, id-definizzjoni ta' Vassalli bħala studjuż tal-lingwa; il-lingwa hi biss il-qasam ta' l-istħarriġ għall-prova ta' verità differenti, wisq usa' u akbar mil-lingwa nnifisha. Il-Malti hu mifhum antropoloġikament, bħala xejra ewlenija ta' individwalità etnika sħiħa. Stħarriġ ta' dawn il-fehmiet fid-dawl tal-ħsieb kontinentali juri li Vassalli qiegħed idaħħal f'Malta l-orjentamenti kulturali ta' l-Ewropa ta' qablu u ta' żmienu: mill-puriżmu ta' l-Accademia della Crusca sad-demokratiżmu illuminista u romantiku.

Is-silta li ġejja ttella' minnufih fil-wiċċ dawn l-għanijiet profondi tiegħu, u tiswa ħafna bħallikieku bħala sintesi tal-motivazzjonijiet politiċi u kulturali wiesgħa li mexxewh f'kulma ħaseb u kiteb: "Il complesso di tutti questi Adagii, Massime, Sentenze, Aforismi, Detti o Motti, che gli abitanti nelle diverse epoche hanno da immemorabile tempo conservati per via di tradizioni non interrotte, forma, per così dire, una specie di codice nazionale, sanzionato da tempo in tempo col sigillo e coll'autorità degli avvenimenti, e dall'esperienza cotidiana di quel tale, e tal detto o proverbio, la di cui verità si riconosceva nell'atto di enunciarlo."

Il-qedem, is-siwi etiku, ir-rilevanza, ir-rabta bejn l-għidut u t-tiġrib ta' kuljum: dawn u xejriet oħrajn mhux biss jistqarru l-ħtieġa tal-qawmien ta' l-ilsien nazzjonali mwarrab, iżda wkoll u fuq kollox jagħtu prova li l-poplu Malti għandu l-individwalità morali u kulturali tiegħu. Din hi konklużjoni kollha kemm hi politika, waqt li l-premessi tagħha biss huma lingwistiċi. Fl-għarfien tal-"codice nazionale" Vassalli jagħraf ukoll id-distintività tal-poplu Malti. L-enfasi fuq il-kontinwità bejn epoka u oħra hi xhieda ta' l-isforzi tiegħu biex isib il-ġustifikazzjoni għall-istqarrija tiegħu li Malta hi nazzjon. L-aspett ġdid ta' Vassalli li jsejjaħ lil Malta nazzjon ma jinstabx fl-istqarrija ta' din il-fehma, iżda fil-ġustifikazzjonijiet kumplessi u ordinati li jagħti għaliha. In-nazzjonalità f'Vassalli m'hix impressjoni iżda r-riżultat ta' ħsieb sistematiku, il-konklużjoni ta' proċess mimli provi u illustrazzjonijiet. Vassalli ma huwiex poeta li jaħdem bl-intwizzjoni, iżda hu ħassieb li jimxi xjentifikament bil-provi. Ħarsa lejn it-tifsiriet li jagħti għall-qwiel isseddaq dan kollu minnufih.

Hi ħaġa kurjuża li matul il-Kwistjoni tal-Lingwa dawn il-fehmiet ma tħaddmux kif messhom mid-difensuri tal-Malti. Hemm bosta raġunijiet, tipiċi ta' l-epoka, li jixħdu għaliex. Il-punt importanti hu li, fil-prattika, Vassalli sa minn bosta snin qabel bħallikieku bassar il-polemika kollha u offra t-tweġibiet sodi għaliha. Is-sisien ta' din is-saħħa intellettwali tiegħu m'humiex biss is-setgħat persunali tiegħu ta' osservatur kollu kemm hu Malti, iżda huma wkoll u wisq iżjed is-setgħat li kellu bħala moħħ kontinentali li laħaq xorob il-prinċipji l-kbar ta' Franza u ta' l-Italja ta' żmienu. Bil-qisien Ewropej Vassalli hu, mill-ġdid, modern u kontemporanju; bil-qisien Maltin, hu leħen iżolat, moħħ li ħaseb b'mentalità li kien fadlilha ħafna biex tasal fil-gżira.

Il-qedem tal-lingwa, imwaħħad mal-qedem tal-poplu li jitħadditha, jibqa' l-qofol tad-dinjità kulturali u morali li jilmaħ f'dan kollu. Dak li hu jsejjaħlu "orientalismo" m'huwiex biss riferiment lingwistiku; huwa wkoll ħjiel ta' interpretazzjoni etnika. Lilhinn minn kull konsiderazzjoni tas-siwi xjentifiku ta' din l-interpretazzjoni, il-fehma tiegħu tibqa' f'saħħitha għaliex hi mmexxija mill-għan ewlieni li jagħti prova li l-poplu Malti hu ġens maqtugħ għalih, b'nisel li jmur fil-bogħod: "Che se qualche volta il Lettore s'imbatterà con qualche detto che paigli scipito, e quasi senza senso; cio' proviene non solo dal laconismo ristretto in poche parole; ma sovente ancora dall'orientalismo con cui fu concepita la frase, e distesa nella maniera natia di pensare, che schiettamente enunciavasi nel porgerlo con quella franchezza, la quale a chi non è versato nell'antichità, pare una specie di mellonaggine e castroneria."

Dawn il-fehmiet u oħrajn li jixirfu minn waqt għal ieħor fl-għoti tat-tifsir tal-qwiel Maltin huma lkoll turija ta' ħassieb li jrid jagħti prova ta' nazzjonalità qadima bis-saħħa ta' xejra ewlenija ta' dik in-nazzjonalità, il-lingwa, li tiġbor fi ħdanha l-kwalitajiet distintivi kollha ta' dik in-nazzjonalità. Imxeblek ma' l-istħarriġ lingwistiku hemm l-istħarriġ politiku-kulturali. Il-kelma hi mifhuma bħala wirja tas-saffi l-aktar profondi ta' identità nazzjonali, waqt li l-valuri morali li jinsiltu mill-kelma huma mifhuma bħala dokument tad-dinjità tal-poplu. Vassalli qiegħed ifittex il-ħsieb Malti, il-ġenju popolari li, minkejja li m'għandux tradizzjoni filosofika miktuba bħalma għandhom il-popli l-oħra, xorta waħda wasal biex żamm ħaj fi ħdan il-ġenerazzjonijiet "siekta" tiegħu damma ta' prinċipji. Għal dan il-għan Vassalli emmen sa minn kmieni li kellu jiġborhom skond metodu daqskemm skond viżjoni; għall-għan politiku tiegħu, ħass li kellu jfittex fihom il-ħila kreattiva u l-korrettezza morali ta' ġemgħa nazzjonali sħiħa.

L-isfida ta' Vassalli, imdawwal mill-kitba tal-ħassieba kontinentali, hi li jfittex mod kif idaħħal lill-poplu Malti wkoll fil-kwadru wiesa' tad-dinja ċivili. It-tradizzjoni waħdanija kienet mitħaddta, u għalhekk hu ried jiktibha. Ir-riżultat tiegħu m'huwiex biss ta' studjuż tipiku ta' epoka, iżda wkoll ta' mexxej politiku li fehem li l-azzjoni politika tal-ġejjieni ma setgħetx tinbena tajjeb jekk mhux fuq is-sisien intellettwali. Il-kisbiet politiċi li seħħu warajh kienu ilhom li sabu, bis-saħħa tiegħu, il-ġustifikazzjoni kulturali tagħhom. Meqjusin ilkoll flimkien, bħala maħżen wieħed ta' ħsieb, il-qwiel huma d-definizzjoni morali ta' poplu; fihom Vassalli jilmaħ il-qedem, il-virtù nazzjonali, il-ġenju kreattiv ta' ġenerazzjonijiet sħaħ, u fuq kollox l-unanimità. Huma lkoll xejriet li kull ħassieb romantiku Ewropew bena d-definizzjoni ideali ta' pajjiżu fuqhom; minn hemm, imbagħad, seta' jinbeda l-proċess ta' l-emanċipazzjoni politika.

## Għeluq

Fi ħdan il-kwadru Ewropew Vassalli huwa kontemporanju ta' persunaġġi oħra li żvolġew ħidma ta' l-istess xeħta f'pajjiżhom. Fi ħdan il-kwadru Malti huwa l-persunaġġ iżolat, mhux mifhum, bassâr tal-ġejjieni, li madankollu xeħet sfida li kellha tittieħed maż-żmien malli l-kuxjenza Maltija setgħet timmatura aktar skond il-pass meqjus tagħha. Jistgħu jissemmew kittieba oħrajn li żmien twil qabel Vassalli tkellmu dwar in-nazzjonalità Maltija. Antonio Saliba fi *Nuova figura di tutte le cose che sono e del continuo si generano dentro la terra* (Napli, 1582) jitkellem diġà dwar ''Malta, nostra patria'', waqt li Giovanni Myriti, l-awtur ta' *Opusculum Geographicum* (1590), isejjaħ lil Malta ''patria mea dulcissima''.[8] Iżda ħadd qablu u daqsu, u għal żmien twil warajh, ma silet it-tagħlimiet politiċi (jew aħjar demokratiċi) u kulturali (fis-sens dejjaq ta' lsien nazzjonali, u fis-sens wiesa', ta' programm sħiħ ta' edukazzjoni popolari) ta' l-Ewropa u applikahom bir-reqqa kollha għal Malta. Fl-opra tiegħu Vassalli jillustra u jiġġustifika xjentifikament il-pretensjonijiet ewlenin tan-nazzjonalità Maltija. Il-kelmiet *nazione, patria, nazionale, popolo, concittadini* u l-oħrajn kollha li jsawru l-lessiku politiku tiegħu m'humiex espressjoni ta' sentimenti iżolati iżda huma elementi ta' sistema sħiħa ta' ħsieb organiku, xhieda naturali ta' viżjoni integrali li tiftiehem bħala kontemporanja fil-kuntest tal-konċezzjoni Franċiża-Taljana, u tinħass bħala profetika fil-kuntest tat-telqa politika u kulturali ta' Malta. Ġrajja tan-nazzjonaliżmu Malti trid titkellem dwaru bħala punt ta' riferiment ewlieni li jindika l-ġejjieni mqalleb tas-sekli dsatax u għoxrin f'Malta, is-sekli li kellhom jaraw nazzjon ċkejken jinbena fuq il-konfront bejn ħakma kolonjali u fiduċja nazzjonali, kif ukoll fuq l-iżvilupp kulturali kbir li seħħ bis-saħħa ta' l-għarfien ta' emblema romantika ewlenija: il-lingwa.

Iżda m'hix il-lingwa mirquma għal għanijiet filoloġiċi jew akkademiċi biss. Hi l-lingwa li trodd ruħ waħda liċ-ċittadini kollha, u li tgħaqqad l-interessi differenti biex jinkiseb il-ġid komuni. Jekk il-proposta filoġika tiegħu tista' tidher nieqsa mill-prattiċità mitluba mill-qagħda lingwistika Maltija, il-proposta politika-kulturali tiegħu m'hi xejn ħlief valida ħafna. Bl-integrazzjoni tal-pjan lingwistiku-letterarju u tal-pjan edukattiv, it-tnejn mibnija fuq il-lingwa, fil-qafas usa' ta' dehra ta' patrija sħiħa jista' jiftiehem is-sens politiku ta' kull taħdit lingwistiku fis-seklu dsatax. Huwa s-seklu li ra lil Malta kolonja tqum bir-ritmu naturali tagħha ta' pajjiż żgħir u fqir, tiġbor il-fdalijiet ta' identità nazzjonali mwarrba (kif xtaq Vassalli), titgħallem il-lezzjoni kbira tal-ġrajja twila tagħha (kif għamlu mbagħad il-poeti u r-rumanzieri ta' ispirazzjoni storika), u tikseb il-fiduċja meħtieġa fiha nnifisha. Maż-żmien din il-kuxjenza kellha twassal biex jitwaqqfu gruppi ta' xeħta ribelli u biex jinbnew partiti li wettqu fil-prattika l-viżjoni li Vassalli, ruħ solitarja u mdawla, kellu s-saħħa intellettwali u l-qawwa morali li jbassar. Ma' l-ewwel daqqa t'għajn jista' jidher li Vassalli ġie kmieni, b'xorti tajba għal Malta, u b'xorti ħażina għalih persunali. B'ħarsa iżjed sistematika Vassalli jidher bħala l-mexxej ta' moviment nazzjonali li, meta kellu jikber u jitqawwa, ma setax jieqaf qabel ma jilħaq il-fażi aħħarija tiegħu. Dan hu, imbagħad, li ġara meta l-ilsien Malti sar il-mezz ewlieni biex tinbena kultura Maltija moderna, biex titqanqal il-kuxjenza nazzjonali rieqda u biex jinstabu l-mogħdijiet politiċi li jseddquha b'miżuri kostituzzjonali.

1. Il-fehmiet ewlwnin ta' Vassalli li juruh bħala ħassieb u studjuż li jara rabta sħiħa bejn l-iżvilupp ta' l-edukazzjoni bil-Malti u l-iżvilupp politiku tan-nazzjon jinsabu f'"Discorso preliminare", *Ktieb il-Kliem Malti*, Roma, A. Fulgonio 1796, pp. VII–XLIII.

2. Għal tagħrif dettaljat dwar il-ħajja u l-ħidma tiegħu cfr. N. CREMONA, *Vassalli u Żminijietu*, Malta, 1937 (2ed., Malta, Klabb Kotba Maltin 1975).

3. Mużew tal-Katidral, Arkivju tal-Kurja Episkopali, Atti Oriġinali, cit. minn Ġ. AZZOPARDI, "Ħames Dokumenti Ġodda fuq Mikiel Anton Vassalli", *Sagħtar*, 62, Marzu 1979, p.19.

4. *Ktieb il-Kliem Malti* ċit., pp. III–V.

5. *Lil Mikiel Anton Vassalli*, vv. 13-14.

6. Ġ.A. VASSALLO, *Lettera al prof. Dott. Stefano Zerafa*, "L'Ordine", 28/6/1861, pp. 3–4.

7. *Motti, aforismi e proverbii maltesi*, Malta, 1828, p.VI. Il-"Prefazione", li minnha huma meħudin il-fehmiet ta' Vassalli u mqegħdin fil-kwadru tal-ħsieb ġenerali tiegħu, tinsab fil-pp. V-VII.

8. Ċitati minn M. AGIUS-VADALA, *Antonio Saliba and 'Patria' – record established*, "The Democrat", 13/5/1989, p. 5.

## II. IĊ-ĊURKETT U X-XBIEHA TA' VASSALLI

Minbarra x-xogħlijiet stampati tiegħu, ftit huma l-ħwejjeġ ta' Mikiel Anton Vassalli li waslu għandna. Xi manuskritti mhux magħrufa tiegħu nstabu dan l-aħħar, u dawn swew ħafna biex xeħtu dwal ġodda fuq il-persunalità mżewqa tiegħu bħala bniedem u bħala studjuż.

Fil-każ ta' bniedem kbir mhux biss ix-xogħlijiet li juru l-ġenju tiegħu huma importanti, iżda wkoll, f'dawl differenti, l-oġġetti li kienu proprjetà tiegħu jew imkejjen marbutin ma' ġrajjietu. Hi importanza iżgħar, għaliex ma hix parti mill-qofol ta' l-identità oriġinali tiegħu, u tikber jew tiċkien skond kemm tgħin biex jissawwar il-kwadru sħiħ ta' l-għarfien tiegħu.

Wirt rari ħafna li wasal minn żmien Vassalli sa żmienna u li issa nafu bih huwa ċ-ċurkett li kien jilbes hu nnifsu u li ntiret minn ġenerazzjoni għal oħra fi ħdan il-familja tiegħu. Dan iċ-ċurkett illum hu milbus bi kburija minn wieħed mid-dixxendenti tiegħu, is-Sur Louis Azzopardi, imwieled il-Ħamrun fl-14 ta' Mejju 1918 u li jgħammar fid-dar 10 Triq id-Duka ta' York, il-Ħamrun. Kont imgħarraf li dan iċ-ċurkett jinsab għandu, u meta kellimtu fuq hekk, is-Sur Azzopardi, awtur ta' bosta radjudrammi u traduttur ta' xogħlijiet klassiċi Griegi u Latini, tbissem ferħan u qalli, "Iva, arah, dan hu", u wrieni idu biċ-ċurkett f'wieħed mis-swaba'.

Ir-rabta familjari tas-Sur Azzopardi ma' Vassalli tiftiehem malajr jekk wieħed jirrikostruwixxi l-linja familjari tiegħu f'dawn l-aħħar mitejn sena. Skond Cremona, Vassalli żżewweġ aktarx bejn l-1801 u l-1813 lil Katerina Formosa de Fremaux meta hu kien eżiljat fi Franza, fejn aktarx li sar jafha.[1] Fost ulied oħra huwa kellu lil Grabiel, li żżewweġ lil Grazzja Portelli; dawn kellhom żewġt itfal, Marjanna u Katerina. Katerina żżewġet lil Salvatore Azzopardi u dawn kellhom lil dawn l-ulied, f'dan l-ordni ta' l-età: Akille, Rafel, Ġorġina, Willy u Filippu. Filippu huwa missier is-Sur Louis Azzopardi. (Fl-irqaqat li Ninu Cremona jagħti fil-manuskritt tal-bijografija tiegħu ta' Vassalli,[2] huwa jagħti tagħrif ieħor dwar il-familjari ta' Vassalli u jżid li fi żmienu familjari eqreb ta' Vassalli kienu għadhom jgħammru fil-Furjana).

Hemm tradizzjoni magħrufa fil-familja, imwassla bil-fomm minn żmien ilu, li dan iċ-ċurkett intiret dejjem mit-tifel il-kbir f'din id-dixxendenza minn Vassalli. Kull primoġenitu kellu jagħtih lill-primoġenitu tiegħu qabel ma jmut, biex jintlibes minnu. Missier is-Sur Louis Azzopardi, Filippu, kien iżgħar minn ħuh Akille. Bħala t-tifel il-kbir Akille żamm iċ-ċurkett; meta kiber sewwa żżewweġ iżda ma kellux tfal, u għalhekk imbagħad, biex tinżamm it-tradizzjoni familjari, huwa ta ċ-ċurkett lil Filippu li għalkemm kien iżgħar minnu, kellu t-tfal. Filippu mbagħad għadda ċ-ċurkett lil ibnu l-kbir, Louis.

Iċ-ċurkett, magħmul mid-deheb b'xi frak ta' fosos ingastati fih, għandu s-sura ta' kobra mgħawġa fuqha nnifisha. Fil-familja hemm tradizzjoni li Vassalli ġieb dan iċ-ċurkett mill-Afrika. Cremona jikteb: "Ma nafux sewwa sew meta lil Vassalli sifruh minn Malta, iżda milli jidher, wara l-Milied ta' l-1800 huwa ma damx ma telaq minn Malta u aktarx għabbewh fuq vapur li kien sejjer lejn Tuneż. Minn dokument fl-Arkivji tal-Qrati Superjuri ta' Malta jidher li bis-saħħa ta' sentenza ta' turufnament minn Malta (16 ta' Settembru 1800) 'Mikiel Anton Vassalli ta' 37 sena' kellu jkun ħalla l-gżira sal-15 ta' Jannar 1801 fuq 'S. Nicola' li kellu jmur Tuneż... Ċertifikat nadif tas-saħħa ngħata lill-kaptan fl-14 ta' Jannar 1801, u lil Vassalli ngħatalu fil-jum ta' wara. Mill-istess dokument jidher li fit-23 ta' Diċembru 1800 Vassalli kien ingħata ċertifikat nadif tas-saħħa biex jimbarka fuq ix-xambekk 'L'Anime del Purgatorio' li kellu jmur lejn Tuneż iżda li, minħabba li ried imur Sirakuża, it-tluq tiegħu ddawwar sakemm instab vapur li seta' jmur f'Tuneż. Ma nafux jekk Vassalli damx f'Tuneż għal xi żmien jew issokta triqtu lejn xi mkien ieħor."[3]

Il-kobra hi serpent marbut ħafna ma' l-Afrika. Is-sriep huma oġġett ta' qima f'xi kulturi. Il-misterjożità u l-qawwa tagħhom qanqlu biża' u qima f'bosta nħawi. L-ideat tal-qawmien u ta' l-immortalità, is-setgħa tagħhom li jsaħħru lill-vittmi tagħhom, u l-għajxien tagħhom taħt l-art huma sikwit marbutin ma' l-identità kulturali li ħadu f'għajnejn il-bniedem. Il-qima lejn l-antenati hi sikwit is-sies ta' din l-imġiba. Fil-Ġenesi, ngħidu aħna, is-serpent kien mifhum bħala spirtu ta' għerf. Hekk ukoll kien mifhum fost il-Babiloniżi u l-Azteki. Tifsira li torbot lis-serp mal-fejqan tinstab fl-Israel, kif ukoll f'xi kulti Griegi u Afrikani.

M'hemmx dubju li dawn it-tifsiriet ma jistgħu jixħtu ebda dawl dirett fuq il-fatt ħafif u sekondarju li Vassalli kellu dan iċ-ċurkett. Iżda fil-każ ta' individwu ta' bixra mhux komuni wieħed jista' forsi jissuspetta, għad li mingħajr ebda ċertezza, li anki ħwejjeġ żgħar u komuni għandhom mnejn jixhdu xi xejriet li mbagħad għandhom il-qofol tagħhom fuq livelli oħrajn u li jixirfu direttament fi mġibiet differenti ħafna.

Is-Sur Azzopardi jiftakar b'liema qima hi miżmuma t-tifkira ta' Vassalli fil-familja, u għalhekk din it-tradizzjoni hi mħarsa b'ċertu skruplu u b'fedeltà lejh, għaliex id-drawwa hi meqjusa bħala xewqa tiegħu. Hekk ukoll hu fi ħsiebu jgħaddi dan iċ-ċurkett lil ibnu l-kbir, Mario Philip, direttur taċ-ċinema u t-teatru li llum jinsab imsiefer. Huwa jiftakar ukoll li l-figura ta' Vassalli ilha stmata fil-familja tiegħu. Fil-fatt isostni li n-nanna tiegħu, Katerina (it-tifla ta' Grabiel, iben Vassalli), kellha pittura sabiħa taż-żejt tiegħu li nqerdet maż-żmien.

In-nuqqas ta' l-eżistenza ta' xbieha ta' Vassalli wassal biex fi żmienna l-iskulturi Ċensu Apap u Toni Agius ħolqu huma nfushom xbieha ta' wiċċu, kif jidhru fil-bolla kommemorattiva u fil-mafkar f'Ħaż-Żebbuġ rispettivament. Madankollu, xbieha ta' wiċċ Vassalli tidher li kienet teżisti mhux biss minn dak li qal is-Sur Azzopardi iżda wkoll minn tifkira li ħalla Ninu Cremona nnifsu. Fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-Kamra tal-Qari fid-dar tal-ħaddiema fl-Isla, fejn kien hemm għadd ta' xbihat ta' kittieba Maltin, f'diskors li għamel dak in-nhar Ninu Cremona fakkar li fosthom kien hemm nieqsa x-xbieha ta' Vassalli. Huwa jistqarr li bħalma ħabrek biex isib ix-xbihat ta' persunaġġi oħrajn, huwa fittex ukoll ix-xbieha ta' Vassalli. Huwa jagħmel riferiment għal madwar l-1880, ħamsin sena qabel ma nfetħet il-Kamra tal-Qari fl-Isla: "F'Ħaż-Żebbuġ... kien hemm mal-ħamsin sena ilu Kamra tal-Qari bħal din tagħkom. Fiha mdendlin kien hemm ir-ritratt (naħseb disinn) tan-nies kbar tar-raħal, u fosthom, kif qaluli, ta' Vassalli. Il-Kamra għalqet għax il-qalb ta' l-imxerkin fiha kienet birdet. Tliet xhur ilu tlabthom ifittxuhuli qalb l-imbarazzi ta' għamara qadima f'dar ta' sinjura li kienet wirtet xi ħwejjeġ ta' dik il-Kamra. It-tfittxija li saret sfat fix-xejn."[4]

It-tiġrib li għadda minnu Vassalli tul ħajtu bħallikieku jissokta wara mewtu, għaliex mhux biss il-post tad-difna tiegħu baqa' suġġett ta' diskussjoni fost l-istudjużi, iżda wkoll għaliex l-għajb inġust li nxeħet fuqu jidher li wassal biex imqar wara mewtu jdum ma jkun apprezzat għall-kobor tiegħu. Fil-kitba ta' Cremona, mitbugħa f' "Il-Kotra", riproduzzjoni tad-diskors tiegħu ta' l-1930, Vassalli hu deskritt bħala "dan il-bniedem magħruf u minsi fl-istess waqt, midfun fid-dlamijiet kiefra li jwaħħxuk u jbikkuk, taħt saħta ta' dak id-destin li f'Malta hu merfugħ għal nies kbar u patrijotti bħalma kien Vassalli."[5] Kien dan li wassal biex Cremona nxeħet għall-kitba tal-ħajja tiegħu, li beda jxandar f'siltiet f' "Il-Malti", II, Ġunju 1932, u li mbagħad ħariġha bħala ktieb fl-1937. Fis-sunett imxandar f' "Leħen il-Malti", Settembru 1933, Dun Karm għaraf fih mhux biss studjuż ta' l-ilsien nazzjonali iżda wkoll patrijott politiku li ra fil-bogħod l-emanċipazzjoni ta' stat modern. Bħala epilogu għat-traduzzjoni ta' *I sepolcri*, Dun Karm jagħlaq *L-Oqbra* (1936) b' "Il-leġġenda tal-qlib tas-Sepolcri bil-Malti"[6] fejn jidealizza u jagħti interpretazzjoni erojka u nazzjonali ta' Vassalli. Fl-1945 Rużar Briffa jagħlaq *Jum ir-Rebħ*, imnebbħa mill-logħba ta' Malta mal-Hajduks, b'riferiment għal Vassalli bħala missier ta' nazzjon sħiħ. Min-naħa l-oħra, fil-kwistjoni tal-lingwa isem Vassalli ssemma bosta drabi f'dawl differenti. Minn hawn 'il quddiem, il-proċess tar-rikostruzzjoni tal-figura tiegħu, persunaġġ u ħassieb, kien beda bis-serjetà.

1. A.CREMONA, *Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu*, 2ed., Malta, Klabb Kotba Maltin, 1975, p. 41.
2. Bibljoteka ta' l-Università ta' Malta, "Melitensia", ms. 222.
3. A. CREMONA, op. cit., p.40.
4. A. CREMONA, *L-Ilsien Malti*, "Il-Kotra", 2/10/1930, p.6.
5. *Ibid.*, p.6.
6. DUN KARM, *L-Oqbra*, Stamperija tal-Gvern, Malta, 1936, pp.57-61. Għal stħarriġ ta' "Il-leġġenda tal-qlib tas-Sepolcri bil-Malti" u għall-għarfien tal-preżenza simbolika ta' Vassalli fiha cfr. O. FRIGGIERI, *La cultura italiana a Malta - storia e influenza letteraria e stilistica attraverso l'opera di Dun Karm*, Leo S. Olschki, Firenze, 1978, pp. 105-111 u O. FRIGGIERI, *Il-Kultura Taljana f'Dun Karm*, Klabb Kotba Maltin, 1976, pp. 107-113.